MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1479/2001/1

**Pierre Abela u Bowood Constructions Limited.**

**-vs-**

**G.V. Xuereb Limited u b'digriet ta' l-4 ta' Frar, 2005 l-atti gew trasfuzi f'isem il-likwidatur Raymond Gatt.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Awissu, 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici ta' l-atturi fis-somma ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi u materjal ipprovdut lilha minghand l-atturi fuq ordni taghha stess;

Illi s-socjeta’ konvenuta baqghet ma hallsetx u l-atturi gew infurmati li s-socjeta’ konvenuta tinsab f’qaghda finanzjarja difficli;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-konvenuti s-somma ta’ tletin elf lira Maltin (Lm30,000) rapprezentanti prezz ta’ servizzi rezi u materjal provdut lilha minghand l-atturi, prevja dikjarazzjoni li s-socjeta’ konvenuta hija debitrici ta’ l-atturi fis-somma fuq indikata.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 2411/01 u tal-mandat ta’ qbid numru 2412/01 FF u bl-imghax relattiv mid-data tal-konsenja u ta’ l-ezekuzzjoni tax-xoghol sal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Frar, 2005 li permezz tieghu ddahhal fil-kawza l-istralcjarju Raymond Gatt.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut il-likwidatur Raymond Gattipprezentata fid-19 ta’ Ottubru, 2005 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti u dan ai termini tal-Ligi in partikolari l-artikli 2148 (a) alternitavement 2149 (a) u alternitavement l-artiklu 2156 (f).

2. Illi fil-mertu t-talbiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' April, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' kjamata in kawza.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher il-konvenuti qed jeccepixxu l-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2148 (a) (tmintax il-xahar ghall-azzjonijiet tal-bennejja ghall prezz ta' opri jew tax-xogholijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu) u 2149 (a) tal-Kapitolu 12. Dan jghid li azzjonijiet ghal kuntratturi tal-bini ghal xoghlijiet maghmula minnhom tkun preskritta wara sentejn. Oltre dan il-konvenuti qed jeccepixxu ukoll l-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2156 (f) li jindika l-perjodu ta' hames snin ghal dawk il-krediti li ma jaqghux taht xi artikoli ohra.

Mic-citazzjoni u anke mill-provi jirrizulta li l-attur qed jitlob hlasijiet ghal xoghol li ghamel lill-konvenuti u anke ta' materjal fornihom – u allura l-preskrizzjoni applikabbli hija dik indikata mill-Artikolu 2149 (a) u cioe' dik ta' sentejn. Dan ghaliex dan is-sub-artikolu jsemmi *azzjonijiet ta' kuntratturi ta' bini iehor … jew ta' xoghpolijiet ohra ta' njam, gebel jew materjal iehor ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu.*

Ma hemmx kwistjoni illi l-konvenut Xuereb interrompa l-preskrizzjoni meta accerta lill-attur li kien ser ihallsu f'Awissu 2001. Il-kawza giet intavolata f'Awwissu 2001 izda l-konvenuti originali qatt ma gew notifikati u l-istralcjarju giet notifikat fil-11 ta' April, 2005. Ghalhekk il-Qorti trid tara jekk l-istituzzjoni tal-kawza waqqfitx il-preskrizzjoni jew ghandux japplika l-Artikolu 2130 li jghid li *l-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika tal-att gudizzjarju ma ssirx qabel jaghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni.*

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija fl-1 ta' April, 2005 qalet hekk;

*Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Dr. Edward Woods noe vs David Jones et irriteniet hekk*
*l-Artikolu 2130 tal-Kapitolu 16 ma hux applikabbli ghall-att tac-citazzjoni billli dan l-att jikkostitwixxi talba gudizzja ai termini ta' l-Artikoli 2131 u 2132 tal-Kodici Civili. Il-preskrizzjoni giet interrota appena saret it-talba gudizzjarja ta' l-attur bil-pesentata c-citazzjoni. L-Artikolu 2130 japplika meta si tratta ta' ittra ufficjali jew xi att gudizzarju iehor skond l-Artikolu 2128 li bih il-kreditur juri li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu ta' azzjoni fil-konfront tad-debitur.*

*Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza Briffa vs Debono deciza fis-7 ta' Lulju, 1992 fejn saret distinzjoni bejn l-att rinnovattiv tal-azzjoni (bhal ma hija l-ittra ufficjali jew protest) u l-att esekutiv taghha (bhal ma hija c-citazzjoni).*

**Il-Qorti ghalhekk fil-waqt li tibbjasima lill-attur ghal certa non-kuranza li vera matul il-kawza ser tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi ta' dan l-insenjament.**

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti; spejjes ta' din l-istanza riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------